# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 375/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

(Spettur Carlos Cordina)

vs

**Joseph Zahra**

iben Joseph, imwieled Birzebbugia, fis-6 ta' April, 1953, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 293553(M)

Illum, 7 ta' Ottubru, 2016.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Zahra, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-14 ta' Novembru, 2009 ghal habta tas-6.00pm gewwa Hal Far attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC 1241 C Farrugia u PC 626 G Benetti, filwaqt illi kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 1241 C Farrugia, skont ma ccertifika Dr T Mizzi MD Reg 1803 mill-Floriana Health Centre, persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku waqt illi kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb illi jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP592 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

6. Talli nhar is-6 ta' Novembru, 2009, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkaguna lill-PS 1508 E Lapira biza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS801, tal-ghamla Fiat, minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan u minghajr ma l-vettura kellha l-licenzja rinovata;

8. Talli nhar it-13 ta' Novembru, 2009, ghal habta tas-7.20pm, gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga, insulenta u hedded lill-PS 1602 M Mifsud;

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

10. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

11. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS801, tal-ghamla Fiat, minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan u minghajr ma l-vettura kellha l-licenzja rinovata;

12. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Awwissu, 2013 fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-akkuzi fil-konfront ta' PS 1508 Lapira. Fir-rigward tal-akkuzi rigwardanti l-incident tal-ambulanza sabet lill-imputat hati ta' kull akkuza kkoncernata u dan fil-konfront tal-ewwel hames akkuzi u s-seba' akkuza, u dan wara li rat l-artikoli 95, 96, 325, 338, 339 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabitu hati fuq it-tmien akkuza fir-rigward tal-akkuzi ta' tghajjir ta' PS 1602 Mifsud, u dan wara li rat l-artikoli 96 u 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabitu hati wkoll tas-seba' akkuza dwar sewqan bla licenzja u dan wara li rat l-artikoli 15 u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabitu hati tat-12-il akkuza tar-recidiva wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illiberatu mid-9, l-10, u il-11-il akkuza, in kwantu ripetuti.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat piena karcerjarja ghal zmien 8 xhur.

Skwalifikatu milli jkolli licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1), u dan wara li jkun skonta l-piena karcerarji kollha.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Zahra minnu pprezentat fis-16 ta' Awwissu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizijia (Spetturi Arthur Mercieca u Carlos Cordina) vs Joseph Zahra fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din illiberat lill-appellant mill-akkuzi 6, 9, 10 u 11, izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati ta' tal-1, 2, 3,4,5,7,8 u 12 -il akkuza, u kkundannatu ghal tmien xhur prigunerija, oltre li skwalifikatu milli kollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn wara li jkun skonta l-piena karcerarja kollha, u tghaddi ghal biex tilliberah mill-imsemmija akkuzi.Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-ewwel hames akkuzi in kwantu s-sejba ta' htija fil-konfront taghhom ma ssibx sostenn fl-artikoli tal-ligi relattivi.

2. Illi t-tieni aggravju jirreferi ghas-sejba tal-htija fuq l-ewwel akkuza, in kwantu l-esponent uza vjolenza wara li gie attakkat minn membri tal-korp tal-pulizija b'mod sproporzjonat, u arrestawh minghajr ebda raguni valida u minghajr anqas biss qalulu ghalfejn kien qed jigi arrestat. Di fatti kemm il-ligi kif ukoll l-akkuza jesigu li l-vjolenza fuq ufficjali pubblici tigi ezercitata "fil-waqt illi kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi ... " Dan ir-rekwizit tal-ligi ma giex investigat fis-sentenza appellata; l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni ta' jekk il-vjolenza ezercitata mill-esponent gietx wara arrest illegali, u allura wara attakk ingust. L-arrest la jirrizulta li kien necessarju u anqas awtorizzat minn spettur jew Qorti, wisq inqas l-uzu tat-taser-gun biex ighin fl-arrest illegali. L-uzu tal-vjolenza mill-appellant wara l-arrest ma jiggustifikax l-arrest li allura gie ezegwit QABEL ma l-appellant sar aggressiv. Gialadarba ma jirrizultax li PCl241 u PC626 kienu "qed jagixxu ghall-esekuzzjni tal-Ligi jew ordni moghtija skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti," dan ir-reat taht l-ewwel akkuza ma ssussistiex, u l-esponent ma jistax jinstab hati tieghu.

3. Illi t-tielet aggravju jirreferi ghat-tieni akkuza wahedha, u jsegwi dak li inghad fit-tieni aggravju: bil-logika li taser-gun jigi sparat minn certa distanza, kwalunkwe ingurja li setghu sofrew il-pulizija in kwistjoni li uzaw it-taser-gun fuq persunthom ma setghetx giet kommessa hlief WARA li sar l-arrest illegali ta' Joseph Zahra, li kien akkumpanjat b'forza eccessiva u anke

umiljazzjoni (spicca bil-qalziet imnizzel, kif anke ammetta PC1241). L-ufficjali in kwistjoni qaghdu attenti li fix-xhieda taghhom ma jikxfux is-sekwenza korretta ta' kif sofrew l-ingurji fuq persunthom, imma l-logika bil-fors twassal ghal konkluzjoni wahda - li jekk sofrew xi griehi dawn certament sofrewhom WARA li dawn l-istess persuni uzaw it-taser-gun bi zball, u allura b'forza eccessiva u ingusta fuq l-appellant. PC1241 tant jidher li hass li ntuzat forza eccessiva li spicca jixhed li l-kaxxa li kellu f'idu Zahra kienet mimlija bid-deheb, imma skont dan l-istess xhud din il-kaxxa bid-deheb ma jafx x'sar minnha!

4. Illi r-raba' aggravju jirreferi ghas-sejba tal-htija mit-tielet akkuza li l-esponent ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura tal-pulizija. L-esponent ma jistax jara kif qatt seta' jinstab hati ta' din l-akkuza meta ma ngiebu ebda provi ta' xejn dwara. L-uniku hjiel li taw xi xhieda kien li meta l-esponent kien immanetjat f'idejh u f'saqajh fil-karozza beda jaghti bis-siq fuq il-karozza minn gewwa. Din ix-xhieda wahdha ma tfisser qatt li saret hsara, ghaliex il-hsara tkun trid tigi identifikata. Mhux biss hadd ma xehed dwar f'xhiex kienet tikkonsisti l-hsara, talli hadd ma gie jikkonfema ta' min kienet il-vettura in kwistjoni, hadd ma gie jikkonferma li saret hsara fiha, u hadd ma ta l-icken indikazzjoni tal-valur tal-allegata hsara. Dan iwassalna ghal konkluzjoni li ma saret ebda hsara f'xi vettura skont kif indikat fl-akkuza, u l-esponent ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

5. Il-hames aggravju jirreferi ghar-raba' u l-hames akkuzi flimkien. Strettament dawn iz-zewg akkuzi jirrizultaw, izda imbaghad ikunu jridu jigu kkonsidrati fil-kuntest ta' dak li gara. Jekk nibdew bl-istorbju in kwantu kien hemm argument mas-sewwieq tal-ambulanza, dan kien f’hin kmieni tal-gurnata, tant li s-sewwieq tal-ambulanza ma giex akkuzat ta' ksur ta' paci pubbliku, avolja kien hu li pprovoka l-incident billi waqqaf l-ambulanza bl-addocc. Huwa veru li s-sewwieqa tal-ambulanzi ghandhom jinghataw id-dritta, u huwa veru li wiehed irid japprezza li fl-ghagla tal-mument dawn ikunu aktar suxxettibbli ghal zbalji, imma mill-banda l-ohra s-sewwieqa tal-ambulanzi m'ghandhomx xi licenzja specjali biex ikunu "kings of the road" u ma jimpurtahom minn hadd. L-argument inqala' ghax is-sewwieq tal-ambulanza ghogbu jieqaf fin-nofs u ma jressaqx l-ambulanza fil-genb hu u jieqaf ! Kull ma kellu bzonn is-sewwieq kien naqra sens komunu naqra rispett lejn l-ohrajn - xejn aktar - u ma kienx ser jitlef aktar hin billi l-karozza jwaqqafha fil-genb. Ma' dan ghandu jinghad ukoll li dwar dan l-allegat ksur tal-paci pubbliku waqt li kien hemm tal-ambulanza, ix-xhieda qalu li l-istorbju sar minn ragel ohxon,

imma din certament mhix l-identifikazzjoni li trid il-ligi biex imputat jinstab hati.

Dwar l-istorbju waqt l-incident mal-pulizija, dan ukoll irid jittiehed fil-kuntest li l-esponent kien qed jigi arrestat talli ma remiex l-ikla ta' fil-ghaxija tieghu ma' l-art - din kienet l-ordni tal-pulizija li l-esponent rn'obdiex! Dwar din l-iskutella bl-ikel, wiehed mill-pulizija ghogbu jghid li kienet mimlija bid-deheb u l-iehor qal li meta Zahra gie attakkat bit-taser-gun u waqa' ma' l-art "rema" l-iskutella ma' l-art. Huwa ovvju li dan ir-rakkont mhux jghid il-verita' shiha in kwantu Zahra waqa' mal-art ghaliex bit-taser-gun il-muskoli tal-gisem jingibdu u l-persuna ma jkollhiex kontroll fuq gisimha: mela l-iskutella waqghet minn idejn Zahra ghaliex Zahra ma setax izommha, u mhux remiha bhalli kieku ma jridhiex aktar!

6. Is-sitt aggravju jirreferi ghas-seba' (7) akkuza in kwantu skont l-akkuza is-sewqan bla licenzja sar fl-istess "data, lok, hin u cirkostanzi" tal-akkuza ta' qabel, u cioe akkuza numru 6 li minnha l-esponent gie liberat. Dik l-akkuza numru 6 la tispecifika lok u l-anqas hin li allegatament sar ir-reat (tghid biss fis-6 ta' Novembru 2009 f'dawn il-Gzejjer), u konsegwentement l-anqas akkuza numru 7 ma tispecifika l-lok u l-hin. Li tghid "f'dawn il-Gzejjer" mintix qed tissodisfa r-rekwizit tal-ligi hlief ghal dik li tirrigwarda gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin; kif inqas u inqas ma gietx sodisfatta l-ligi meta inghatat id-data tal-allegat reat imma mhux il-hin. Ghaldaqstant l-esponent ghandu jigi liberat mill-akkuza 7 ukoll.

7. Is-seba' aggravju jirrigwarda t-tmien akkuza. L-esponent isostni li PS1602 Mario Mifsud ilu mqabbad mieghu: jghid li anke meta hu jmur jirrapporta lil haddiehor dan jispicca jaqbad mieghu. F'dan il-kuntest fejn l-esponent jichad li huwa insulenta u hedded lis-Surgent Mifsud, kien aktar opportun li x-xhieda ta' PS1602 tkun korroborata. PC1246 Cecil St'John jikkorrobora parti minn dak li xehed is-surgent ta' fuqu, imma ma jikkorroborax l-insulti u t-theddid. Ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat minn din it-8 akkuza.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ezebita fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2013 u cioe':

Illi in vista tal-generalita' tal-ewwel aggravju, l-esponenti qed jifhem illi qed jigi spjegat iktar fid-dettal fl-aggravji sussegwenti ghal dan l-ewwel aggravju u ghaldaqstant ser

jghaddi sabiex jirrispondi fil-konfront ta' dawn l-aggravji l-ohrajn:

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, l-esponenti qed jifhem bih illi l-imputat appellant, f'dan l-istadju, qed jikkontesta l-validita' tal-arrest, u in vista ta' hekk, l-istess esponenti sempliciment jaghmel referenza ghal *fol* 3 tal-atti tal-kawza fejn hemmhekk id-difiza stess fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Novembru, 2009 ivverbalizzat dan li gej, u cioe', *"id-difiza mhux qieghda tikkontesta l-validita' tal-arrest".*

Illi in vista ta' dan, l-esponenti ma hux qed jara ghaliex issa, f'dan l-istadju, qieghda tigi kkontesta tali validita'.

Illi fir-rigward tat-tielet aggravju, gialadarba d-difiza ma kienetx qieghda tikkontesta l-validita' tal-arrest dak iz-zmien, necessarjament ifisser illi l-offiza maghmula mill-imputat appellant *fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku* saret *fil-waqt* illi din il-persuna *kienet qed taghmel dan is-servizz* u mhux *"wara"* kif qed jigi allegat mill-imputat appellant.

Illi rigwardanti r-raba' aggravju, l-esponenti umilment jirrimetti ruhu ghall-provi li tressqu mill-Ufficjali Prosekuturi fl-atti ta' din il-kawza.

Illi rigward il-hames aggravju, l-esponenti jidhirlu opportun li jerga jaghmel biss referenza ghall-atti tal-kawza, senjatament ghal *fol.* 302, u cioe' ghar-rikors tal-appell tal-imputat appellant, fejn dan jilmenta illi *"Strettament dawn iz-zewg akkuzi jirrizultaw, izda imbaghad ikunu jridu jigu kkonsidrati fil-kuntest ta' dak li gara".*

Illi dment li *verament inkiser il-paci pubbliku* u dment illi *verament ma gewx obduti l-ordnijiet legittimi* tal-Ufficjali tal-Pulizija, *ma ghandu jittiehed l-ebda kont tal-kuntest li fihom saru dawn l-atti sabiex tigi stabbilita l-htija ghall-kontravvenzjonijiet hawn fuq imsemmija.*

Illi rigward is-sitt aggravju, l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn dan l-artikolu jiddisponi illi *"Ic-citazzioni ghandha*

*ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw ...* "

Illi s-sitt imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat appellant tindika car illi l-allegat reat, illi eventwalment gie liberat minnu mill-Qorti tal-Magistrati, sehh *fis-06 ta' Novembru,* 2009 *gewwa dawn il-Gzejjer* u ghaldaqstant il-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok gew moghtija *ai termini* tal-artikolu 360(2).

Illi b'kull dovut rispett lejn l-ilment tal-imputat appellant, ftit li xejn jaghmel sens li kieku l-kliem *"partikularitajiet ta' zmien"* kienu jirreferu ghall-hin u mhux ghad-data li *tindika l-gurnata li fiha sehh ir-reat!*

Illi lanqas jaghmel sens il-fatt li l-ligi tkun tirrikjedi l-post partikulari fejn sehh ir-reat ghaliex, kif jigri f'hafna kazijiet, ir-reat jista jkun li jsehh f'diversi lokalitajiet madwar Malta kollha.

Illi dan kollu minnbarra l-fatt illi l-ligi stess tistipula li citazzjoni ghandu jkun fiha dawk" ... *il-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew <u>li jkunu jistghu jinghataw ...</u> "*

Illi billi s-seba' imputazzjoni taghmel referenza ghas-sitt imputazzjoni, dan necessarjament ifisser illi l-partikularitajiet ta' zmien, cioe, *"is-06 ta' Novembru, 2009",* u ta' lok, u cioe' *"gewwa dawn il-Gzejjer",* gew ukoll moghtija *ai termini* tal-artikolu 360(2) u l-fatt biss li Ufficjal tal-Pulizija.

Illi fir-rigward tas-seba' aggravju, l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 637 tal-Kapitolu 9 taI-Ligijiet ta' Malta fejn dan jiddisponi s-segwenti, u cioe':

*637. "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli ... 636 [(c)], jolqtu biss il-kredibbilta tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru. tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-*

*xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Illi *stante* li l-esponenti ma kienx prezenti waqt is-smiegh tax-xhieda, u ghaldaqstant ma jistax jirrimarka fuq l-imgieba taghhom, l-esponenti ghalhekk jaghmel referenza kemm ghal fedina penali tal-imputat appellant ezebita *a fol.* 6 *et seq* tal-atti kawza, kemm ghax-xhieda moghtija minn diversi Ufficjali tal-Pulizija ohrajn u finalment ghall-artikolu 638(2) tal-KapitoIu 9 taI-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi *"B'dan. kollu, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l'fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu generiku fis-sens li l-ewwel Qorti ma sabitx sostenn fl-artikoli tal-ligi dwar l-ewwel hames akkuzi migjuba kontra l-appellant. Frankament, jidher li din il-Qorti u l-appellant qraw zewg sentenzi diversi. L-ewwel Qorti kkowatat perfettament l-artikoli tal-ligi li kellhom x'jaqsmu mal-ewwel hames akkuzi.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda is-sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi. L-agir tal-appellant hi r-raguni proncipali ghaliex il-pulizija mxiet b'dik il-manjiera. Hu vera li l-pulizija setghu kienu aktar kawti fl-agir taghhom izda l-appellant ma ghin xejn biex sitwazzjoni ta' ebda importanza ma spiccat f'wahda li setghet giet evitata.

Illi dwar l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija dwar it-tieni akkuza dak li ntqal hawn fuq hu validu ghal dan l-aggravju wkoll.

Illi r-raba aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tielet akkuza. Din l-akkuza tirrigwarda l-hsara li saret fuq il-vettura tal-pulizija. Hawnhekk, l-appellant ghandu ragun ghaliex ma ngabet ebda prova li l-appellant ghamel xi hsara fuq din il-vettura.

Illi dwar l-aggravji l-ohra din il-Qorti ser tastjeni milli tikkumenta fuqhom ghaliex l-ewwel Qorti ragonevolment u legalment ghamlet apprezzament korrett tal-provi prodotti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet thassar u tirrevoka is-sejbien ta' htija fuq it-tielet akkuza u ghalhekk tilliberah minn din l-akkuza. Tikkonferma fil-kumplament is-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tmien xhur prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' hames xhur prigunerija.